**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Elton Taliana]**

**vs**

**Alexia Caruana Coppola**

**Kumpilazzjoni Numru: 203/14**

**Illum, 26 ta' Novembru, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Alexia Caruana Coppola detentrici tal-karta tal-identita` numru 390682M akkuzata talli nhar id-29 ta' Frar, 2012 ghall-habta tas-07:20hrs gewwa Triq in-Naxxar, Birkirkara:-

1. B'nuqqas ta' hsieb u bi traskurangni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkagunat offizi ta' natura

gravi fuq il-persuna ta' Elizabeth Grech skond kif iccertifika Dr. Nikki Abela Reg 5211 mill-isptar Mater Dei u offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Pauline Bruno skont kif iccertifika Dr. Mario Cilia Reg 1749 mil-isptar Mater Dei;

2. Saqet vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni LEX137, b'manjiera traskurata, perikoluz u bla kont;

Rat l-ezami tal-imputata li wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha;

Rat in-nota tal-Avukat Generali li biha ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat il-fedina tal-imputata li hija wahda netta;

Semghet ix-xhieda kollha inkluz dik tal-imputata;

Rat illi l-prosekuzzjoni qaghdet fuq il-provi migbura u ddikjarat li ma rieditx taghmel sottomissjonijiet filwaqt li d-difiza nghatat

zmien sabiex tipprezenta nota ta' sottomissjoni izda din baqghet inadempjenti;

Ikkunsidrat illi din il-kawza titratta fuq incident awtomobilistiku bejn il-vettura tal-imputata u zewg anzjani li kienu qeghdin jaqsmu t-triq fi Triq Naxxar, B'Kara nhar id-disa' u ghoxrin (29) ta' Frar tal-elfejn u tnax (2012). Illi minn dan l-incident sofrew griehi gravi l-anzjana Elizabeth Grech u griehi hfief l-anzjana Pauline Bruno;

Illi mix-xhieda tal-vittmi Pauline Bruno u Elizabeth Grech irrizulta illi huma kienu sejrin *coffee morning* dakinhar tal-incident fejn huma kienu gejjin minn Triq Ganu u bdew jaqsmu minn tarf it-triq ghan-naha l-ohra.

Illi huma jghidu illi dak il-hin ma kinux gejjin karozzi izda mix-xhieda taghhom ma harigx car jekk harsux sew fuq iz-zewg nahat qabel ma qasmu.

Illi hareg ukoll illi ma setghux jaqsmu minn fuq *zebra crossing* ghaliex din kienet aktar 'il boghod minn fejn kienu huma.

Illi meta sar l-incident huma kienu fin-nofs tat-triq u jghidu li raw il-karrozza gejja fuqhom u li s-sewwieq ma kinitx qed tarahom. Illi minn dan l-incident Elizabeth Grech garrbet griehi gravi hekk kif gie ccertifikat minn Dr. Nikki Abela (Dok EZ1), u Pauline Bruno garrbet griehi hfief hekk kif gie ccertifikat minn Dr. Mario Cilia (Dok EB1).

Illi mix-xhieda ta' PS 1586 Ronnie Attard hareg illi huwa kien niezel minn Triq Ganu sabiex jidhol fi Triq Naxxar, B'Kara u meta kien qieghed jistenna li jghaddi t-traffiku, huwa ra l-incident isehh. Huwa fil-fatt ra liz-zewg anzjani jaqsmu t-triq u l-Fiat Punto tal-imputata, li kienet gejja mid-direzzjoni ta' Hal Lija, ttajjarhom. Huwa jghid illi l-Fiat Punto ma kinitx qed issuq b'velocita' qawwija izda bil-mod hafna. Huwa jixhed ukoll illi x-xemx dakinhar kienet qawwija ghal min gej minn Hal Lija u cioe' minn fejn kienet gejja l-imputata.

Ikkunsidrat:

Illi analizi qasira tal-gurisprudenza nostrana turi x'inhuma r-responsabilitajiet ta' sewwieq fit-triq.

Illi, apparti dan, il-Qorti tinnota wkoll li sewwieq huwa rikjest li jkollu dak li jissejjah bhala *proper look out* specjalment meta jkun qed jaghmel manuvra eccezzjonali bhal dik li kien qed jaghmel l-imputat. Illi fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Roderick Debattista** (deciz fis-26 ta' Mejju, 2004 [App. Krim. Nru: 18/2004]), il-Qorti kkwotat sintezi mehuda minn decizjoni precedenti (deciz fil-25 ta' Marzu, 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Noel Gauci** [App. Krim. Nru: 32/2004/JGD]) u sostniet:

> "*Gie appropositu ritenut li hu dover ta' driver 'to see what is in plain view" (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Joseph Vella [10/08/1963] u li 'min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout' (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs J.M. Laferla [17/06/1961])".*

Illi fi **Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co. Ltd.** (1968), il-Qrati Inglizi kienu rritenew li:

> *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should*

*have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Illi dejjem gie ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoché dak li jigri ma jkunx dovut unikament u esklussivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor (Vide Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs Gaetano Schembri** (16.3.1961); **Il-Pulizija vs John Polidano** (3.11.1963); **Il-Pulizija vs Rev. C. Mifsud** (XXXVII.IV.1131). Dan ghaliex il-*contributory negligence* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinisitru (Vol. XXXVIII.IV.883).

Illi x'jikkostitwixxi traskuragni, jew adirittura perikolu, fis-sewqan huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Grech** moghtija fl-20 ta' Frar, 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud deciz fis-6*

*ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:*

*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu,*

*wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]*

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali <u>**Il-Pulizija vs Mario Gellel**</u> deciz fid-19 ta' Frar, 2004:

*"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs. Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs. Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs. Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs. Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs. Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs. Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita*

*s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])".*

Illi mill-provi migjuba jirrizulta illi l-imputata Alexia Caruana Coppola kienet miexja b'velocita' baxxa meta kienet qieghda ssuq qabel ma sehh l-incident. Illi ma harigx illi hija kienet tard ghal xi appuntament u ghalhekk kienet qieghda ssuq fil-parti taghha tat-triq b'mod trankwill. Illi rrizulta mix-xhieda pajzana u estranja ghall-incident, illi mhux veru li ma kienx hemm vetturi ghaddejjin fit-triq kif xehdu l-vittmi. Il-Qorti thoss li l-aktar verzjoni verosimili hi dik ta' dawn ix-xhieda u dan ghaliex kif jaf kulhadd ben tajjeb Triq Naxxar, B'Kara matul il-gimgha u fit-tmienja ta' filghodu (8:00am) normalment tkun mimlija karrozza.

Illi rrizulta wkoll illi l-vittmi qasmu fil-bicca wara liwja u ghalhekk min ikun gej mid-direzzjoni ta' fejn kienet gejja l-imputata jkun isibhom ma' wiccu. *Multo magis* meta hareg mix-xhieda illi x-xemx dakinhar kienet tiddi hafna fid-direzzjoni li kienet gejja minnha l-imputata. Illi dan il-fatt ta' kontributorjeta' min-naha tal-vittmi kif ukoll dak li jissejjah *casus* tax-xemx f'wicc l-

imputata, irrizulta fil-fatt li l-imputata ma ratx il-vittmi jaqsmu u meta rathom hija ghamlet manuvra sabiex tevitahom.

Illi a rigward il-*casus* il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza bl-ismijiet **Pulizija vs Neville John Psaila** (deciza QA 20.3.2003) ddecidiet fuq dan il-punt ghal dak li ghandu x'jaqsam skidjar izda l-istess ragunament ghandu japplika ghall-kaz inezami. Illi gie ritenut illi:

> *"F'materja ta' "skidding" il-principju regolatur ma jistax hlief ikun dan. L-skid wahedha mhix la prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jigi ndagat jekk kienx hemm negligenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negligenza simili tirrizulta, allura hemm ir-responsabbilta' nonostante l-"skid". Jekk ma tirrizultax, allura l-"skid" hija "a good defence" ghax tkun "inevitable accident". Ghaldaqstant biex tirnexxi d-difiza tal-"skid", jinhtieg li l-imputat jipprova mhux biss l-"skid" dovuta ghall-art tizloq imma ukoll li l-"skid" saret bla ebda negligenza tieghu u li hu jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu driver prudenti meta l-art tkun*

*tizloq. Meta driver jipprova mhux biss il-fatt tal-"skid" sic et simpliciter, imma jipprova ukoll li l-"skid" saret bla ebda htija tieghu, izda accidentalment b'mod li l-vettura, bla htija tieghu w accidentalment, saret inkontrollabbli, allura hija eskluza negligenza li taghti lok ghar-responsabilta' kriminali". [IlPulizija vs. Carmel Cachia – Vol. XXXVII, iv. p.920]".*

Illi dan kollu ghalhekk fl-opinjoni tal-Qorti jezonera kompletament ir-responsabilita' kriminali fuq l-imputata li ma giex ippruvat li hija naqset b'xi mod meta hija kienet qieghda ssuq dakinhar tal-incident.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputata **Alexia Caruana Coppola** hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u tilliberaha minnhom.

---

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**